**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 359/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Noel Buhagiar**
**(ID 541071(M))**

**Illum, 26 ta' Settembru 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Noel Buhagiar ta' 38 sena, bin Godwin u Iris Mary nee` Pace, imwieled il-Pieta` nhar it-8 ta' Dicembru 1971, residenti 19, Triq Ebona, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 541071(M);

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar id-29 ta' Jannar 2010, kif ukoll f'din l-ahhar sena, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforna jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr

ma kellu licenza mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'dan il-kaz sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, b'dan illi d-difiza rriservat illi terga' tressaq lill-imputat bhala xhud sabiex jixhed *viva voce* quddiem il-Qorti kif preseduta;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2016, id-difiza ddikjarat illi kienet qeghda tezenta lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' x-xhieda tal-imputat mismugha quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u rat ukoll illi minkejja illi d-difiza talbet u nghatat zmien sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, dan baqghet m'ghamlitux.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-28 ta' Jannar 2010, Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga arrestaw lil certu Joseph Camilleri, wara illi fil-pussess tieghu nstab qartas bi trab kannella suspettat droga eroina. Dakinhar stess, fis-7.00 p.m., l-istess Camilleri rrilaxxja stqarrija lill-pulizija li fiha, fost ohrajn, indika lill-persuna li minghandha kien xtara din l-eroina u li skont hu, kien solitament jixtri d-droga minghandha. Fid-29 ta' Jannar 2010, Camilleri kkonferma din l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Huwa xehed ukoll f'dawn il-proceduri. Fl-istess jum, ghall-habta tal-10.00 a.m., gie esegwit mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat odjern. Huwa gie mwaqqaf gewwa Haz-Zebbug u minn tfittxija li saret fil-vettura misjuqa minnu, taht is-*seat* tax-xufier, instabu erba' boroz zghar b'sustanza ta' lewn kannella, suspettata droga eroina. Gie elevat ukoll *mobile phone* minn fuq il-persuna tal-istess imputat. Tfittxijiet ulterjuri fir-residenza tal-imputat, fil-garaxx tieghu u f'vettura ohra rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi llegali. L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar it-30 ta' Jannar 2010, wara li nghata s-solita twissija u ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, mahtur sabiex janalizza Dokument JB 4 esebit mill-Ufficjal Prosekutur bhala l-borza b'erbat iqratas u borza bit-tracci misjuba fil-pussess tal-imputat, kif gie ikkonfermat minn PS 1086 Johann Micallef u PS 579 Antoine Micallef ossia l-Ufficjali tal-Pulizija li ghamlu t-tfittxija f'dan il-kaz, jirrizulta illi huwa nghata *evidence bag* bin-numru A01674929 li kien fiha erba' qratas tal-plastik trasparenti kontenenti trab kannella u bicca plastik trasparenti vojta u kkonkluda illi fl-estratti mehuda mit-trab

kannella fl-istess dokument, instabet is-sustanza eroina. Il-piz total tat-trab kien ta' 0.73 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 23%. L-istess qratas kellhom is-segwenti pizijiet rispettivament: 0.18 grammi, 0.15 grammi, 0.20 grammi u 0.20 grammi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti sejra tqis il-punti sollevati mid-difiza fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2016. Id-difiza talbet kemm l-isfilz tal-istqarrija tal-imputat, kif ukoll tax-xhud Joseph Camilleri, esebita fil-process verbal dwar l-istqarrija guramentata tal-istess Camilleri, kif ukoll kwalsiasi referenza ghall-istess stqarrija ta' Camilleri "*u dan in linea ma' diversi pronunzjamenti inkluz Mario Borg vs Malta, Daniel Holmes vs Avukat Generali, Pulizija vs Alvin Privitera u Jean Pierre Abdilla vs Avukat Generali*".

Kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar it-30 ta' Jannar 2010 u ghalhekk fi zmien meta l-ligi ma kinitx tipprovdi d-dritt lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan id-dritt dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010. F'dan ir-rigward, il-posizzjoni legali llum hija wahda cara. Bizzejjed illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** tal-1 ta' Dicembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Gunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u ghaddiet sabiex tiddeciedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*". Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu, liema stqarrija certament kienet ta' pregudizzju ghalih ghaliex fiha ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, il-Qorti m'hijiex qeghda tqis tali stqarrija bhala ammissibbli u qeghda tiskartaha. Naturalment, dan japplika wkoll ghax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-istess imputat waqt l- interrogatorju tieghu.[1]

---

[1] Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ramon Fenech** u ricentemenet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) tal-10 ta' Settembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Geoffrey Galea**.

In kwantu x-xhud Joseph Camilleri, dan ukoll irrilaxxja l-istqarrija tieghu minghajr ma nghata d-dritt li jottjeni parir legali u ghalhekk id-difiza qeghda timpunja anke din l-istqarrija bhala prova inammissibbli. Jirrizulta mill-atti illi wara li Camilleri irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-Pulizija fit-28 ta' Jannar 2010, l-ghada huwa kkonferma l-istess stqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta wkoll illi l-istess Camilleri xehed f'dawn il-proceduri nhar it-13 ta' Marzu 2012, waqt liema xhieda huwa rega' kkonferma l-istess stqarrija rilaxxjata minnu f'Jannar 2010.

Il-Qorti tinnota illi l-gurisprudenza citata mid-difiza tirreferi ghall-kazijiet fejn l-ilment dwar in-nuqqas tad-dritt ghall-parir legali gie imqajjem minn akkuzati stess dwar stqarrijiet rilaxxjati minnhom, liema stqarrijiet sussegwentement intuzaw bhala prova fi proceduri li ttiehdu fil-konfront taghhom.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi**, wara li din il-Qorti ghamlet referenza kostituzzjonali proprju dwar dan il-punt issollevat mid-difiza fil-kaz odjern. F'din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

"*14. Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-qorti hawnhekk hija jekk l-istqarrija tax-xhud ewlieni fil-każ tal-attur – u cioè Maria Assunta Vella – hijiex valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra l-attur u dan minħabba l-fatt li l-istess stqarrija ttieħdet mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni ta' Maria Assunta Vella mingħajr ma' din kellha l-opportunità sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni.*

*15. Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diġà kien trattat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et. F'dik il-kawża Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri fil-konfront tiegħu. Din il-qorti kienet qalet hekk:*

*»Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel l-istqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt*

*illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – fil-każ tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l-istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli.«*

*16. Din il-qorti adottat dan l-istess raġunament fis-sentenza tagħha mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. Patrick Spiteri</u> fejn kienet qalet hekk:*

*»37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux illi min hu akkużat b'reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b'xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f kull każ jinstab mhux ħati u illi l-equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.*

*»… … …*

*»39. … … … ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.*

*»40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.«*

*17. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li ttieħdet waqt l-interrogazzjoni tagħha ttieħdet mingħajr ma' kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet l-istqarrija kellha kull fakoltà li tikkontestaha iżda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċaħdithiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha – għalkemm kellha kull fakoltà li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu l-attur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtuh il-jedd għal smiegħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel*

*il-kontro-eżami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu.*

*18. Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju li ressaq l-attur huwa miċħud.*"

Din il-Qorti qajla ghandha xi zzid ma' dak appena citat. Kif inghad, izjed 'il fuq, ix-xhud Joseph Camilleri mhux talli ma kkontestax l-istqarrija rilaxxjata minnu minghajr il-jedd li jottjeni parir legali, izda kkonfermaha f'dawn il-proceduri u in oltre lanqas ma lmenta li din l-istqarrija ttiehdet lilu bi ksur tad-drittijiet tieghu. Dan apparti l-fatt illi d-difiza kellha l-okkazzjoni li taghmel u fil-fatt ghamlet il-kontro-ezami tal-istess xhud. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis l-istqarrija ta' Joseph Camilleri, kif ikkonfermatha minnu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, bhala prova ammissibbli f'dawn il-proceduri.

Fl-istess seduta tal-1 ta' Gunju 2016, id-difiza talbet ukoll l-isfilz tar-relazzjoni esebita mill-espert Dr. Martin Bajada, nominat mill-Qorti sabiex jezamina l-*mobile phone* esebit bhala Dokument JB5 u dan billi jnizzel il-*call profiles* fir-rigward ta' *incoming/outgoing calls* u *incoming/outgoing SMS*, u dan in segwitu ghas-sentenza tad-29 ta' April 2016 "*fl-ismijiet 'Vella Bonavita vs Dr. Beppe Fenech Adami noe'*".

Jidher illi f'din it-talba taghha, id-difiza kienet qeghda tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Chetcuti Bonavita vs Av. Beppe Fenech Adami noe** tad-29 ta' April 2016, permezz ta' liema ntlaqghet it-talba tal-atturi fis-sens illi r-rapport tal-periti addizzjonali u t-twegibiet li taw l-istess periti in eskussjoni jitnehhew mill-atti tal-kawza u dan fid-dawl tal-fatt illi wiehed minn dawn il-periti ossia Dr. Martin Bajada kien gie kkundannat ghal reati kriminali f'gurisdizzjoni barranija bil-konsegwenza ghalhekk skont l-istess Qorti, illi din l-informazzjoni dwar l-istess perit "*mhux biss setghet "skonvolgiet" lill-atturi izda wkoll tohloq thassib serju u nuqqas ta' fiducja mill-pubbliku fl-amministrazzjoni tal-gustizzja*".

Dwar dan il-punt, madankollu, f'kaz iehor fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Janis Boruss**, fejn id-difiza bhal fil-kaz odjern, ukoll talbet l-isfilz tar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada a bazi tas-sentenza fuq citata, il-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tat-23 ta' Frar 2017, qalet hekk:

"*9. Nonetheless, this Court cannot fail to observe that the situation in the abovementioned case before the Court of Appeal in its Civil Jurisdiction was markedly different from the situation in this case. In that case, the expertise*

*required was a calligraphic opinion due to an alleged forgery. In the present case, what was required was the extrapolation of data from a mobile phone and sim cards; this essentially constitutes a determination of facts*."

L-istess jinghad minn din il-Qorti f'dan il-kaz. Anke hawnhekk, l-espert Dr. Martin Bajada, a bazi tan-nomina tieghu, estrapola l-kontenut ta' *mobile phone* u *sim card* misjuba fil-pussess tal-imputat u mghoddija lill-istess espert in segwitu ghall-inkarigu moghti lilu minn din il-Qorti, kif diversament preseduta. Fl-adempjiment tal-inkarigu lilu moghti, l-istess espert ma esprima assolutament l-ebda opinjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tilqa' t-talba tad-difiza ghall-isfilz ta' din ir-relazzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Sorvolati dawn il-punti mqajjma mid-difiza, il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-provi mressqa f'dan il-kaz. Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tat-traffikar tad-droga eroina u permezz tat-tieni imputazzjoni, huwa qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tal-istess droga.

La darba giet skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, mill-atti processwali jirrizulta illi l-ewwel imputazzjoni hija msejjsa fuq ix-xhieda ta' Joseph Camilleri li, f'dawn il-proceduri, jindika lill-imputat bhala l-persuna li kienet tfornih bid-droga eroina fiz-zmien tal-kaz odjern. Kif inghad, Camilleri rrilaxxja stqarrija fit-28 ta' Jannar 2010, wara li huwa stess kien instab fil-pussess ta' qartas bi trab kannella. F'dik l-istqarrija, kif ikkonfermatha minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar id-29 ta' Jannar 2010, Camilleri jghid illi dakinhar huwa ddecieda li jixtri pakkett eroina u ghall-habta tas-1.00 p.m., huwa cempel lil wiehed li kien gieli jaqdih u talbu pakkett. Ftehmu sabiex jiltaqghu hdejn il-Peridot, fit-triq bejn Haz-Zebbug u s-Siggiewi u hekk ghamlu u t-terz ghaddielu l-pakkett u telaq 'l hemm. Ftit wara huwa (ossia Camilleri) gie arrestat. Jghid ukoll illi kien ilu xi sena jabbuza mid-droga eroina u li kien jixtri pakkett cirka darba f'xahar, kull meta jaqbad il-paga. Dakinhar hallas €10 ghall-pakkett li xtara u nstab fil-pussess tieghu. Jghid li kien jinqeda minghand il-fornitur tieghu xi darba f'xahar u li kien jarah il-pjazza ta' Haz Zebbug, izda wara xi zmien dan tah in-numru tac-cellulari tieghu u ghalhekk kien icempillu biex jinqeda minghandu jew inkella kien isibu l-pjazza. Jghid illi dejjem minghandu kien jixtri l-eroina u ghalkemm ma kienx jaf x'jismu, provda deskrizzjoni tieghu, inkluz l-eta` approssimattiva tal-fornitur, indika wkoll fejn dan kien jirrisjedi gewwa Haz-Zebbug, stante illi jghid illi gieli qdieh mit-tieqa tad-dar ukoll u n-numru tac-cellulari tieghu. Jikkonferma illi l-pakkett muri lilu kien il-pakkett bl-eroina

misjub fil-pussess tieghu u li kien l-istess pakkett li xtara dakinhar minn Haz-Zebbug.
Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, imbaghad, l-istess Camilleri jghid illi dakinhar tal-arrest tieghu, huwa kien xtara pakkett eroina tal-hames Liri u nqabad bih. Mistoqsi lil min kien cempel biex jixtri dan il-pakkett, huwa jghid illi kien cempel lil Noel, li huwa indikah bhala l-imputat odjern. Ghall-ewwel jghid illi kien ser jiltaqa' mal-imputat, meta huma nqabdu mill-pulizija u li gie arrestat qabel iltaqa' mieghu, u b'referenza ghall-mistoqsija jekk kienx lahaq xtara xi haga minghand l-imputat qabel gie arrestat, jghid illi "*Kelli, xtrajt pakkett hux u qabduni l-pulizija*". Wara jghid ukoll illi huwa kien qal lill-pulizija li kien xtrah minghand l-imputat. Sussegwentement, wara li nqratlu l-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa jikkonferma li kien qal dan id-diskors u li l-persuna li huwa semma' fl-istqarrija tieghu kien proprju l-imputat odjern. Jghid ukoll illi l-kontenut tal-istqarrija kienet il-verita`. In kontro-ezami, mistoqsi kemm kien ilu jixtri minghand l-imputat qabel dan tah in-numru tieghu, huwa jghid illi m'ghaddiex hafna zmien u li qabel kellu n-numru tieghu, kien jaghmel kuntatt mieghu billi kien jarah il-pjazza.

Da parti tieghu, fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jghid illi dakinhar tal-arrest tieghu (ossia l-ghada tal-arrest tax-xhud Camilleri), huwa kien ser jaqsam id-droga li nstabet fil-pussess tieghu ma' haddiehor fis-sens illi fil-hin tal-arrest tieghu, huwa kien sejjer jiltaqa' ma' habib tieghu sabiex flimkien, jiehdu d-droga li nstabet fuqu. Skont hu, din id-droga kienet "*tieghi u ta' siehbi*". Dan siehbu kien minn Haz-Zebbug ukoll, certu Joe. Jghid illi huma kienu jkunu flimkien u drabi kien jixtri d-droga hu u drabi kien jixtriha l-iehor, izda meta nqabdu, dan Joe qal li kien jixtriha minghandu. Jghid ukoll illi l-bicca l-kbira, kienu jiehdu d-droga flimkien, fis-sens illi drabi kien imur ghand dan siehbu u drabi ohra siehbu kien imur ghandu biex jikkunsmaw id-droga. Jghid illi dakinhar huwa kien sejjer il-garaxx tal-iehor u li dan kien cempillu qabel u ftehmu biex jaghmlu dan. Dak iz-zmien, huwa ma kienx jahdem. Fuqu kellu erba' pakketti u dak iz-zmien, kienu jiehdu zewg pakketti zghar kull wiehed. Mistoqsi kemm kienu jiehdu droga kuljum, jghid illi dan kienu jaghmluh darba filghodu u darba filghaxija. In kontro-ezami, l-imputat jghid illi kien ilu fil-vizzju tad-droga "*minn dejjem*" u li huwa kien jikkonsma "*naqra filghodu u naqra filghaxija ...*". Jghid illi kienu jixtruha b'ghaxar liri stante li kienu jixtru zewg pakketti filghodu u zewg pakketti filghaxija u l-pakketti kienu tal-hames liri. Dakinhar huwa kien ghadu kif xtara d-droga u kien fi triqtu lejn siehbu. Din kienu jaghmluha ta' spiss.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għalhekk fil-waqt illi l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil Camilleri, illi jgħid illi dakinhar tal-arrest tiegħu, huwa kien xtara d-droga eroina mingħand l-imputat u li kien ilu jagħmel dan għall-perjodu ta' madwar sena, da parti tiegħu l-imputat jgħid illi dakinhar tal-arrest tiegħu, huwa kien fil-pussess tal-eroina għaliex kien fi triqtu lejn Camilleri u l-ħsieb kien illi jaqsam din id-droga miegħu, kif solitament kien isir. Skont hu, id-droga kienet tiegħu u ta' dan Camilleri.

Il-Qorti tqis il-verzjoni tax-xhud Camilleri bħala l-iżjed waħda kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi tal-każ. Apparti illi x-xhud *a tempo vergine* indika mill-ewwel illi ftit mumenti qabel l-arrest tiegħu, huwa kien għadu kif xtara pakkett eroina bil-prezz ta' €10 u illi kien ilu jixtri l-eroina mingħand l-istess persuna għal madwar sena, l-għada stess, huwa kkonferma din l-istqarrija bil-ġurament tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Sussegwentement, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proceduri, għalkemm kien hemm mument fejn qal illi ġie arrestat u nstab fil-pussess tad-droga qabel huwa ltaqa' mal-imputat odjern, biss fil-bidu ta' din ix-xhieda jgħid ukoll illi dakinhar, huwa kien ċempel proprju lill-imputat sabiex jakkwista d-droga u sussegwentement, jerġa' jikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament u jgħid illi l-persuna minnu ndikata fl-istqarrija tiegħu bħala l-fornitur tad-droga kienet proprju l-imputat odjern u li din kienet il-verita`. Ħlief għall-ammonti tad-droga li x-xhud Camilleri kien jgħid illi kien jikkonsma fix-xahar u dan għaliex mhux solitu li min juża l-eroina jużaha biss darba f'xahar proprju meta jaqbad il-paga, mill-bqija, il-Qorti ma ssib assolutament xejn inverosimili f'din ix-xhieda. Attwalment ix-xhud jipprovdi wkoll diversi dettalji dwar l-imputat, bħal deskrizzjoni tiegħu, eta`, l-istat tiegħu u deskrizzjoni tar-residenza u anke n-numru tal-*mobile phone*, u għalkemm xi whud minn dawn id-dettalji ma jistgħux jiġu verifikati mill-provi mressqa, biss fil-fehma tal-Qorti dan juri wkoll illi x-xhud ma kienx vag jew retiċenti u li kien qed jirreferi proprju għal persuna partikolari illi fix-xhieda tiegħu, kkonferma iżjed minn darba li kienet l-imputat odjern. Il-Qorti tqis ukoll imbagħad, illi proprju l-għada tal-arrest ta' Camilleri, hekk kif ġie mwaqqaf għall-ħabta tal-10.00 a.m. ġewwa Ħaż-Żebbuġ, l-imputat instab fil-pussess ta' erba' qratas, li rriżultaw li kienu jikkontjenu droga eroina, liema qratas kienu maqsumin f'piżijiet tassew simili, fattur dan li huwa ferm indikattiv illi tali qratas kienu intiżi sabiex jiġu spaccati. Dwar il-verzjoni tal-imputat, imbagħad, illi fiha huwa jagħti r-raġuni għaliex kien fil-pussess ta' dawn il-qratas, il-Qorti tqis illi dan ma kien xejn għajr tentattiv fjakk da parti tiegħu sabiex jipprova jiġġustifika kemm is-sejbien ta' numru ta' qratas fil-pussess tiegħu, kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu max-xhud Camilleri li, skont hu allura, ma kinitx dik ta' traffikant/klijent, iżda waħda ta' ħbiberija, b'tali mod illi dawn kien jixtru d-droga għal xulxin u jikkunsmawha flimkien. Fil-fehma tal-Qorti huwa biss konvenjentement illi l-imputat jgħid illi tnejn minn dawn il-qratas kienu intiżi għalih u tnejn oħra għal

Camilleri u mhux ghax dan kien minnu. Donnu l-imputat jinsa illi proprju fil-jum ta' qabel ix-xhud Camilleri kien gie arrestat mill-pulizija u kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu, sat-8.15 p.m. kien ghadu gewwa l-ufficju tal-Ispettur Borg. L-ghada mbaghad, ossia fil-jum li fih l-imputat odjern gie arrestat, l-istess Camilleri fis-13.50 p.m. ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Ghalhekk, il-Qorti temmen illi huwa wisq improbabbli illi l-ghada li huwa gie arrestat, Camilleri icempel lill-imputat u jitolbu sabiex igiblu d-droga biex jehduha flimkien, meta fil-jum ta' qabel u izjed tard dakinhar stess imbaghad indika proprju lill-istess imputat bhala l-fornitur tieghu. Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tqis il-verzjoni ta' Camilleri bhala izjed kredibbli minn dik tal-imputat odjern u in oltre tqis ukoll illi x-xhud jghid fil-hin tal-istqarrija illi lanqas kien jaf x'jismu l-imputat, meta addirittura l-imputat jghid illi kienu hbieb. Tqis ukoll illi fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi huwa kien jiehu l-eroina filghodu u filghaxija, li dakinhar kellu erbat iqratas ghalih u ghal siehbu u li kienu jixtru zewg pakketti filghodu u zewg pakketti filghaxija. Issa jekk l-imputat kien jikkonsma zewg pakketti filghodu u zewg pakketti filghaxija, dan ifisser, skont il-verzjoni tieghu, illi erba' pakketti kuljum kienu jiswewh Lm20 ossia Lm140 fil-gimgha[2], meta jghid ukoll illi ma kienx jahdem dak iz-zmien u kellu familja. Jekk min-naha l-ohra, l-imputat kellu fil-pussess tieghu erba' pakketti ghalih u ghal siehbu sabiex jaghmlu uzu minn pakkett kull wiehed filghodu u pakkett kull wiehed filghaxija, allura fl-ewwel lok il-Qorti ma tarax ghalfejn l-imputat kien ikollu ghalfejn joqghod jigri b'erba' qratas eroina ossia provvista ta' droga ghalih u ghal siehbu ghal filghaxija wkoll, qisu kwazi kwazi, wiehed ma kienx jiehu droga minghajr l-iehor, u fi kwalunkwe kaz Lm70 fil-gimgha fuq droga eroina hija xorta spiza sostanzjali ghal min ma jahdimx u ghandu familja.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebietx is-sustanza misjuba fil-pussess ta' Camilleri fil-mori ta' dawn il-proceduri, liema sustanza allura baqghet ma gietx analizzata, biss mix-xhieda ta' Camilleri, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi din kienet effettivament eroina. Il-Qorti tinnota illi Camilleri ma kienx xi novizz f'dak li kellu x'jaqsam mad-droga u kien jaf ben tajjeb x'kienet l-eroina, apparti li din ma kinitx l-ewwel darba li xtara l-istess droga minghand l-imputat odjern. Effettivament, l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu wkoll ghas-sena ta' qabel id-29 ta' Jannar 2010 u ghalhekk mhux biss ghall-okkazzjoni tat-28 ta' Jannar 2010 li fiha x-xhud Camilleri nstab bid-droga fil-pussess tieghu. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Sharon O'Neil**, datata s-6 ta' Jannar 2004, fejn inghad hekk:

---

[2] Dan qed jinghad ghaliex fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi huwa kien jixtri pakketti tal-hames liri.

"*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad għad-deposizzjoni ta' xhud, wieħed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga.*"

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace**.

Irid jinghad ukoll fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni illi l-imputat qed jigi akkuzat talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva wkoll illi l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Dan ifisser illi d-definizzjoni ta' traffikar fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tinkludi l-att ta' min joffri li jipprovdi d-droga. Ghalhekk bil-fatt biss illi l-imputat offra li

jipprovdi l-eroina lil Camilleri dakinhar tat-28 ta' Jannar 2010 u ma jistax ikun hemm dubju illi huwa ghamel dan la darba Camilleri cempillu sabiex jinqeda bid-droga eroina u sussegwentement, huwa ltaqa' ma' Camilleri u ghaddielu pakkett li dan tal-ahhar jghid illi kien jikkontjeni d-droga eroina, ghal fini tal-ligi, sa hawn huwa diga` traffika d-droga. Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Psaila**, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-istess ismijiet tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001):

"*Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna* ***toffri*** *li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament,* ***persuna turi****, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11th Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "****Offering to Supply****" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "****An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply****" (vide kazistika indikata – pg. 776).*"

Kif imbaghad inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-istess ismijiet, fuq citata:

"*Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, appena l-appellant accetta li jaqdi lill-persuna li kienet cemplitlu immaterjalizza r-reat ta' traffikar fir-raza tal-cannabis u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ir-reat ta' tentattiv ta' traffikar*".

Ghaldaqstant, a bazi tas-suespost, appena l-imputat accetta r-rikjesta ta' Camilleri illi jipprokuralu d-droga eroina, tant illi mar jiltaqa' mieghu ghal dan il-ghan u ghaddielu pakkett, li Camilleri jghid illi kien fih l-eroina u li ghalih dan tal-ahhar hallas il-prezz ta' €10, huwa sar hati ta' traffikar tal-istess droga.

Tqis ghalhekk illi minkejja li jirrizulta mill-provi prodotti mid-difiza, illi l-imputat kien jaghmel huwa stess uzu mill-eroina u li kien ilu f'dan il-vizzju ghal zmien

twil, fid-dawl tax-xhieda ta' Camilleri, kif ukoll in vista tal-fatt illi huwa nstab b'erba' qratas maqsuma f'pizijiet tassew simili gewwa l-vettura tieghu, iz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-istess imputat jirrizultaw sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi. Madankollu, fil-waqt illi r-reat ta' pussess aggravat jirrizulta ppruvat b'referenza ghad-29 ta' Jannar 2010 u s-sena ta' qabel din id-data, ir-reat ta' traffikar jirrizulta b'referenza ghas-sena ta' qabel l-istess data (ossia fit-28 ta' Jannar 2010 u s-sena ta' qabel).

Mhux biss izda l-Qorti tqis ukoll illi anke li kieku ghall-grazzja tal-argument <u>biss</u>, kellha temmen il-verzjoni tal-imputat fis-sens illi d-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet in parti ghalih u in parti ghal siehbu, u li kien xtraha dakinhar stess biex jaqsamha ma' siehbu, dan ukoll jikkostitwixxi pussess aggravat ta' droga. Fil-fatt, l-imputat fil-verzjoni tieghu jghid illi d-droga fil-pussess tieghu kienet intiza ghalih u ghal siehbu u fi kliemu stess "*kelli tieghi u ta' siehbi*" u ghalhekk ma kienx il-kaz illi d-droga kienet intiza ghalih u illi huwa ddecieda li jaqsam minnha ma' siehbu, izda huwa akkwistaha proprju ghalih u ghal siehbu u kien fi triqtu sabiex huma jiehdu minn din id-droga flimkien. Effettivament, *a priori* l-imputat akkwista sehem ghal siehbu wkoll u skont hu, imbaghad siehbu kien jaghmel l-istess u ghalhekk kien ihallsu tista' tghid bid-droga wkoll. Fuq skorta tas-sentenzi fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marco Galea</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju 2008 u **<u>Il-Pulizija vs *Omissis*</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2015, il-Qorti tqis illi c-cirkostanzi tal-kaz odjern jammontaw ghall-pussess aggravat tad-droga eroina. Irid jinghad ukoll illi ghalkemm jirrizulta illi l-imputat inqabad fil-pussess tal-eroina u ghalhekk skont il-verzjoni tieghu, ma lahaqx prokura d-droga lil Camilleri, biss jirrizulta car ukoll skont din il-verzjoni, illi huwa kien offra li jaghmel dan, tant illi skont hu, huwa kellu d-droga tieghu u ta' siehbu fil-pussess tieghu u li huwa kien ftiehem ma' Camilleri biex imur ghandu, tant illi dak il-hin, dejjem skont il-verzjoni tieghu, kien fi triqtu bid-droga. Kif inghad izjed 'il fuq, ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ukoll jikkostitwixxi traffikar ta' droga.

Jifdal illi l-Qorti tikkunsidra t-tielet imputazzjoni ossia l-addebitu tar-recidiva u dan in segwitu ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' April 2008. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ggib id-data tal-10 ta' April 2008, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spt. N. Lanzon) vs Noel Buhagiar', li madankollu ma tindikax il-konnotati tal-appellant f'dak il-kaz. Il-Prosekuzzjoni lanqas ma tellghet lill-Ufficjal Prosekutur bhala xhud sabiex tidentifika lill-imputat odjern bhala l-appellant f'dak il-kaz. In oltre ghalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenza tal-ewwel Qorti, ukoll fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Nadya Lanzon) vs Noel Buhagiar', liema sentenza tinkludi l-

konnotati tal-imputat f'dak il-kaz, din ma gietx esebita bhala vera kopja tal-originali. Konsegwentement, il-Qorti tqis illi ma ngabitx prova fil-grad rikjest mil-ligi illi s-sentenza tal-10 ta' April 2008 inghatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisafecentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat kif aggornata sa Gunju 2017, liema fedina penali tinkludi kundanni dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku u tal-Kap. 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta, reati kontravvenzjonali u pussess semplici ta' droga f'zewg okkazzjonijiet. Qieset ukoll illi l-ahhar reat jirrisali ghas-sena 2010.

Qieset ukoll is-serjeta` tal-imputazzjonijiet li taghhom qed jinstab hati l-imputat, kif ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz odjern, l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat u li huwa traffika d-droga eroina. Qieset mill-banda l-ohra, il-progress li ghamel l-imputat minn dak iz-zmien u illi skont ix-xhieda tieghu, ta' martu u anke ta' Jean Cali` in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas, wara dan il-kaz, huwa fittex l-ghajnuna, hareg mill-vizzju tad-droga u zamm impjieg fiss.

Qieset ukoll li dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2010 u ghalkemm l-ewwel dehra giet mizmuma sentejn wara, biss hafna mid-dewmien fil-mori tal-proceduri kien imputabbli lill-imputat stess.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u dan fis-sens illi qeghda tqis ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u

konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez relatati mal-inkarigu espletat mix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn ewro u wiehed u sitta u sittin centezmu (€201.66) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, wiehed u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€381.33), b'kollox ammontati tali spejjez ghas-somma ta' hames mija, tnejn u tmenin ewro u disgha u disghin centezmu (€582.99), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument JB4 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bhala Dokument JB5 favur il-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat